MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Numru. 530/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Vincent Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Vincent Zammit, bin Salvu u Virginia neé Cachia, imwieled fis-26 ta' Awissu 1951 u residenti fil-fond numru 7, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita'

numru 60051(G) li gie akkuzat talli nhar l-10 ta' Gunju 2008 ghal habta ta' 21:15hrs fir-Rabat, Ghawdex;

1. saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBB 863 tal-ghamla Vauxhall minghajr ma kellha licenzja biex tkun fit-triq mahruga mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta;

2. aktar talli ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

3. u aktar talli naqas li jipproduci lill-Pulizija l-polza tas-sigurta' tal-imsemmija vettura fi zmien skont il-ligi;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat**

ILLI jirrizulta li l-imputat qal lil PS 1424 Mario Xiberras u lil PC 1406 Joseph Parnis li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBB 863 kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni u li minkejja li l-imputat nghata zmien biex ikun jista' jipproduci din il-polza huwa naqas milli jaghmel hekk.

ILLI jirrizulta bl-aktar mod car, kemm mill-*affidavits* ta' PS 1424 Mario Xiberras u PC 1406 Joseph Parnis, kif ukoll mix-xiehda moghtija minn Saviour Farrugia (rapprezentant tal-ADT) u mix-xiehda moghtija mill-imputat innifsu, li l-imputazzjonijiet kontra l-imputat gew sodifacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 3(1), 3(1A), 3(2)(a), 3(2A), 8(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-

konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elfejn u sitt mitt Euro (€ 2600.00) u tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------